# Frak mill-Istorja: Il-Belt Senglea

**Joseph Serracino**



Issib min jgħidlek, li d-dehra kwieta u kemxejn misterjuża tat-tlitt ibliet tal-Kottonera kif jidhru mill-Barrakka ta' Fuq, kapaċi tħallik ssummat bil-ġmiel tagħha u li għal ftit tal-ħin tħossok qed treġġa' l-arloġġ lura fiż-żmien, meta dawn l-ibliet antiki, magħluqin wara katina ta' swar massiċċi u minsuġin flimkien bi tradizzjonijiet antiki li jmorru lura mijiet ta' snin, mhux biss kienu l-iprem li fuqhom tnisslet u tfasslet l-istorja ta' pajjiżna, iżda kienu wkoll il-benniena kulturali u soċjali ta' dawn il-gżejjer li minnhom ħarġu l-aqwa mħuħ u mexxejja ta' pajjiżna.



*Ritratt antik tal-Belt Senglea kif tidher mill-Barrakka ta' Fuq*

Bosta turisti jistqarru, li d-dehra msaħħra tal-bliet antiki tal-Kottonera mill-Barrakka ta' Fuq timliehom b'ħafna b'kurżitajiet u tnissilhom ix-xewqa li fl-ewwel okkażjoni li jkollhom iżuruhom u jsiru jafu aktar l-istorja tagħhom. Waħda minn dawn il-bliet bi storja kbira hi l-belt ta' Senglea li llum se nitkellmu dwarha:

Fuq l-ilsien art tawwali maħruġ 'il barra għal fuq il-baħar li jifred żewġ daħliet storiċi (Daħla tal-Franċiżi u Daħlet tat-Tarzna) u li l-baħar kaħlani tal-Port il-Kbir jitkisser mal-blat qawwi tiegħu, hi mibnija l-belt ta' Senglea - il-belt imsemmija għall-Gran Mastru Claude de la Sengle (1553 - 1557) magħrufa popolarment bħala **Isla** li ġejja mill-kelma Taljana Isola (gżira) iżda li qatt ma kienet - kif fil-fatt jidher fil-mappa tal-1638 li qed tidher ma' din il-kitba. F'din il-mappa, l-isem ta' din il-belt jidher ċar 'Isola Senglea di S. Michaele' u mhux bħala Isla jew Città Invicta, Bormla bl-isem antik tagħha 'La Bormula 'u l-Birgu bħala La Città del Borgo (hawnhekk ukoll l-isem antik ta' din il-belt u mhux bħala Città



***Il-Gran Mastru Claude De La Sengle (1553 - 1557)***



*Mappa tal-Port il-Kbir tal-1638*

Vittoriosa). Imbagħad għall-Belt kapitali tagħna, il-mappa tirreferi għaliha bħala 'Valletta Città Nova di Malta'.

Fl-antik, dan il-promontorju kien magħruf kemm bħala l-Għolja ta' San Ġiljan (il-protettur tal-kaċċaturi) għall-knisja ċkejkna ddedikata għalih, li jingħad li kienet inbniet fl-1311, tefgħa ta ġebla 'l bogħod mill-baħar, kif ukoll bħala l-Għolja tal-Mitħna, għal Midtna (issib min jgħid tnejn) li kienet inbniet fiż-żmien il-Kavallieri, proprju fuq l-istess post li snin wara nbniet il-knisja tal-Portu Salvu (1596) - illum magħrufa bħala l-knisja ta' San Filippu.



*Il-Gran Mastru Philippe de Villiers de L'Isle-Adam (1521 – 1534)*

L-istoriċi jgħidulna li qabel il-miġja tal-Kavallieri fostna fl-1530, dan il-promontorju kien art mogħxa, iżda x-xwejjaħ Gran Mastru l-Isle Adam (1521 -1534 ) li kien qorob is-sebgħin sena, u li mid-dehra kien iħobb ħafna l-kwiet bena dar kbira fuqu, sewwasew faċċata tal-forti ta' Sant' Anġlu, u ordna li madwarha jitħawlu bosta siġar taż-żebbuġ. Jidher li dan il-ħanek art beda jiġbed l-attenzjoni ta' bosta kavallieri li ta' spiss kienu jaqsmu bil-baħar mill-Birgu biex jagħmlu kaċċa għat-tjur.



*Il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536 – 1553)*



*Il-Gran Mastru Didier de St. Jaille (1535 – 1536)*

Il-Balliju Juan d'Homedes (1536 -1553), Aragoniż, laħaq Gran Mastru fl-20 ta' Ottubru 1536 wara l-mewt tal-predeċessur tiegħu l-Gran Mastru Didier de St. Jaille. Wara l-assedju ta' Għawdex fl-1551, huwa qabbad lill-Inġinier tal-Ordni l-Ispanjol Pedro Pardo biex jibni l-Forti Sant' Iermu f'ras l-ilsien art li jaqsam żewġ portijiet kbar u li wara l-Assedju l-Kbir inbniet fuqu l-Belt Valletta, biex iħares id-daħla tal-Port il-Kbir, u l-Forti ieħor f'forma ta' Kavallier (1552), faċċata ta' Bormla biex iħares u jiddefendi lill-Flotta tal-Ordni li kienet isorġi fil-ġewwieni tad-Daħlet ix-Xwieni, minn xi ħbit għal għarrieda tas-Saraċeni min-naħat ta' Kordin. Meta tlesta l-Forti (1552) ssemma' għall-Arkanġlu San Mikiel għax kien proprju f'nhar il-festa tiegħu li l-bandiera tal-Ordni ttellgħet tperper għal-ewwel darba fuqu. D'Homedes iddeċieda wkoll li jibni dar kbira (aktarx fuq il-post fejn illum insibu l-każin tal-Banda) li wara saret magħrufa bħala 'Casa Magistrale' bħala post ta' villeġġjatura tiegħu, waqt li fil-viċinanza tagħha bena wkoll ġnien Botaniku u razzett kbir għal bosta annimali li kien xtara u ġab minn Sqallija. Jingħad li fiż-żmienu l-Isla kompliet timtela bis-siġar, tant li n-nies bdiet issejħilha Buskett. Insibu wkoll li fl-istess żmien, barra l-knisja ta' San Ġiljan kien hemm ukoll Mitħna kbira (xi wħud jgħidu tnejn) fuq l-ogħla parti ta' dan il-promontorju, u li kif aċċennajt aktar qabel minflokha fl-1596 inbniet il-knisja tal-Portu Salvu – il-knisja li kienet iffrenkwentata ħafna mill-familji tal-baħħara, sajjieda, barklori u minn dawk kollha li xogħolhom kien marbut mal-baħar.

Xi wħud huma tal-fehma, li l-knisja ta' San Ġiljan li nbniet qabel il-miġja tal-Kavallieri, din ma nbnietx biss għall-kaċċaturi li kienu jaqsmu mill-Birgu, għaliex f'dak il-villaġġ, barra l-parroċċa ddedikata lil San Lawrenz kien hemm xi knejjes u kappelli oħra, iżda aktarx Ii nbniet għaliex fuq dan il-promontorju kienu jgħixu xi familji ta' xi sajjieda, taħt id-dell tal-Kastell tal-Baħar (Castrum Maris). Wara l-mewt tal-Gran Mastru D'Homedes laħaq kap tal-Ordni l-Kavallier Franċiż Claude de la Sengle (1553 - 1557), li hekk kif wasal Malta mill-ewwel tefa' ħarstu fuq l-Għolja ta' San Ġiljan, u f'qalbu nibtet ix-xewqa li fuq dan il-ħanek art jibni belt sabiħa u jagħtiha ismu.

Kien żmien ta' biża' u taħwid kbir! Ix-xniegħat persistenti li t-Torok kienu qegħdin iħejju flotta kbira biex taħbat għal Malta kienu qegħdin innisslu biża' kbir fost il-poplu u l-kavallieri, li kienu jafu li l-Port kien nieqes ħafna mill-fortifikazzjonijiet, u l-Birgu kien imdawwar b'għoljiet li faċilment setgħu jintużaw kontra tiegħu mill-għadu. Għalhekk biex isaħħaħ id-difiża tal-Port, l-aktar tal-Forti Sant' Anġlu u l-Birgu, fuq il-parir tal-inġiniera tal-Ordni, u fuq il-pjanta ta' Nicolo Bellavanti, huwa ordna biex jagħlqu l-promontorju bis-swar li jibdew minn quddiem (faċċata) Bormla u jaslu sal-Ponta, b'hekk l-għoljiet ta' Bormla, ta' Kordin u Xebb ir-Ras ma jintużawx kontra l-Birgu. Biex dan ix-xogħol jitlesta malajr, li l-ġebel jinqata' mill-post u li l-ħaddiema jaħdmu lejl u nhar. Huwa ordna wkoll biex jitqaċċtu s-siġar kollha li kienu tħawlu snin qabel, u ordna li jinħarġu l-permessi meħtieġa biex jibdew jinbnew d-djar. Kif tafu l-Isla hi mibnija fuq forma ta' gradilja, b'toroq dritti minn naħa għal oħra, kif fil-fatt wara l-Assedju l-Kbir inbniet il-Belt Valletta, u aktar tard anke xi toroq f'Bormla fuq ix-xaqliba magħrufa bħala ta' Santa Margerita.

Fi tliet snin il-bini tela' ġmielu u s-swar kienu kważi lesti. Il-Gran Mastru La Sengle, kuntent li ra l-ħolma tiegħu sseħħ, fl-1554 taha t-titlu ta' Belt u semmieha għalih 'Città Senglea'. Wara l-mewt tiegħu, laħaq Gran



*Il-Gran Mastru Jean Parisot de Valette (1557 - 1568)*

Mastru l-Balliju Franċiż Jean de la Valette (1557 - 1568), li kompla jsaħħaħ il-fortifikazzjonijiet tal-Isla u tal-Birgu. Kien proprju fiż-żmienu li t-Torok ħabtu għal Malta b'armata ta' 40,000 suldat. Matul l-Assedju l-Kbir tal-1565, fuq il-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla sar l-eqqel taqbid, bl-aħħar attakk feroċi fuqhom isir proprju fis-7 ta' Settembru, f'lejlet it-Twelid tal-Madonna. Bħala apprezzament għall-qlubija kbira li wera l-poplu ta' din belt matul l-Assedju l-Kbir, il-Gran Mastru La Valette għolla b'ġieħ lill-belt Senglea għal Città Invicta - il-Belt mhux mirbuħa.

Wara l-Assedju l-Isla kompliet toktor fil-popolazzjoni, tant li nsibu li fl-1600 kien hemm madwar 900 dar u 3,500 ruħ jgħixu fiha. Mill-istatistika li rajt din il-popolazzjoni kompliet tvarja matul is-snin, daqqa tikber u daqqa tonqos, bl-1911 turi żieda kbira ta' 8,216 ruħ.

L-Isla għandha żewġ bibien fis-swar – apparti t-tnejn li nfetħu wara l-gwerra. Il-bieb l-antik huwa Porta Sant'Anna - mibni fil-bidu tas-seklu tmintax mill-Inġinier Medrico Blondel, u l-ieħor jagħti għall-Ponta magħruf bħala " Point Sally Port " Iżda qabel Porta Sant'Anna, kien hemm bieb ieħor Porta San Geatano li kien taħt is-sur tal-Maċina (kif jidher ċar fil-mappa tal-1638, f'tarf it-triq li tagħti għal Bormla. Dan il-bieb, li kien aktar 'il ġewwa mill-mina preżenti tal-Maċina, kien jiżbokka għal Triq San Ġużepp. Ma nafx jekk il-kunsill ippruvax jindaga mal-periti li bħalissa huma responsabbli għax-xogħol li qed isir fil-Maċina, jekk sabux mqar ħjiel ta' din il-mina li aktarx ġiet mirduma meta nbniet il-Maċina. Fuq kollox, din il-mina hi parti mill-patrimonju tal-Isla, u tajjeb li jkollna xi ftit tagħrif dwarha.

Insibu wkoll li l-Isla fuq ix-xaqliba ta' Kordin kien hemm żewġ Bwejbiet, iżda meta d-daħla tal-Franċiżi, li antikament kienet magħrufa wkoll bħala d-daħla ta' San Franġisk waqgħet f'idejn l-ammiraljat tneħħiet il-'Corradino Sally Port' u jekk jien niftakar tajjeb, fil-bidu tas-sittinjiet tneħħiet l-oħra li kienet qrib il-Ponta.



*Napuljun Bonaparte (1769 - 1821)*

L-istoriċi jgħidulna li l-ħakma tal-kavallieri fuq missirijietna tul il-268 sena kemm damu fostna ma tantx kienet feliċi. Minkejja l-ġid kollu li sar fil-bidu tal-ħakma tagħhom u li minnu gawda wkoll il-poplu inġenerali, mal-milja tas-snin, il-liġijiet tagħhom komplew jiħraxu u jsiru aktar severi mal-Maltin, xi wħud mill-kavallieri kienu jagħmlu li jridu, minkejja li kien hemm liġijiet iebsa u penali ta' ħabs għar-reati li kienu jwettqu, il-faqar kien jidher u jinħass kullimkien u l-klassi l-baxxa kienet meqjusa bħala qaddejja. Fl-aħħar 50 sena tal-ħakma tal-Ordni fostna, il-poplu beda jiddejjaq, u qamu saħansitra xi rewwixti kontra l-Ordni li ġew imrażżna b'qilla u b'ħruxija kbira. Bil-ħila u bl-għajnuna ta' xi kavallieri Franċiżi li bil-moħbi kienu jissimpattizzaw ma' Napuljun, għadd ġmielu ta' rġiel minn kull grad u klassi soċjali tal-poplu tagħna li bdew iħaddnu l-prinċipji revoluzzjonari (dawn kienu jissejħu Ġakbini) xtaqu li jeħilsu mill-Ordni u Malta tgħaddi f'idejn il-Franċiżi kif fil-fatt ġara fit-12 ta' Ġunju 1798. Għall-ewwel il-Franċiżi dehru li se jkunu ħakkiema aħjar mill-kavallieri, iżda meta beda s-serq mill-knejjes, il-poplu qam kontra tagħhom u nafu x'ġara. Fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, il-poplu tal-Isla għadda minn biża' u tbatijiet kbar, ġuħ u l-għaks, serq, min jinqabad b'xi arma jintefa' l-ħabs jekk ma joqtlux ukoll, mal-iċken ksur ta' ordni sentenza ta' ħabs u għadd ta' rġiel Sengleani ġew ikkundanati għall-mewt u maqtulin mill-Franċiżi (storja oħra). Finalment il-Franċiżi ċedew kontra l-qawwa Ingliża, u fis-6 ta' Settembru telqu minn Malta. Hawn min isostnu li l-aħħar Galjun bis-suldati Franċiżi salpa mill-Port il-Kbir, fl-4 ta' wara nofsinhar, it-8 ta' Settembru – Jum il-Festa tal-Vitorja.

Sfortunatament matul it-Tieni Gwerra Mondjali,





*Il-qerda tal-Bażilika ta' Marija Bambina u l-bini mġarraf fi Triq il-Vitorja fl-Isla, wara l-attakki mill-ajru matul it-Tieni Gwerra Dinjija*

Malta għaddiet mit-tieni assedju qalil tagħha, bl-Isla ssir ħerba sħiħa bil-bombi li ntefgħu fuqha lejl u nhar, b'mod speċjali s-16 ta' Jannar tal-1941 u l-jiem ta' wara. Min jiftakar dawk il-jiem tal-biża' jgħidlek li kienu l-eqqel u l-aħrax attakki fuq l-Isla u madwar (storja oħra).

Il-bombi qerrieda tal-għadu qerdu għal kollox il-Bażilka u magħha bosta palazzi u djar kbar li fl-imgħoddi kienu jżejnu lil din il-belt storika. Għalkemm wara l-gwerra, l-Isla reġgħet telgħet mill-ġdid, ħafna mill-patrimonju li kellha, u li kienu jżejnu t-toroq tagħna tilfitu u baqa' mfakkar biss fl-istorja tagħha. B'danakollu, żjara lil Bażilika (knisja parrokkjali) u oħra fil-Knisja tal-Portu Salvu (San Filippu) għandha tgħin ħafna biex wieħed jifhem aħjar l-istorja reliġjuża tal-poplu Senglean u l-patrimonju kbir li ħallew missirijietna lil din il-belt antika.

Passiġġata madwar l-Isla, b'mod speċjali fuq in-naħat magħrufin bħala ta' fuq is-sur - mill-iskola primarja sal-Ponta, u fix-xaqliba antika ta' din il-belt (in-naħat ta' San Filippu) kapaċi jeħduk lura fiż-żmien meta l-Isla kienet fl-aqwa tagħha. Postijiet oħra ta' interess storiku li wieħed għandu jżur f'din il-belt Marittima huma l-Knisja ta' San Ġiljan (1311) u l-Oratorju tal-Kurċifiss (1735), kif ukoll għax huma ta' interess partikolari l-Ġnien ta' Gardjola li minn fuq is-swar li jdawruh, kif ukoll mit-twieqi tal-Gardjola tista' tara l-isbaħ veduta panoramika tal-Port il-Kbir, il-Ponta u x-Xatt pittoresk ta' din il-belt – il-post fejn wieħed jista' jintefa' fuq bank u għal ftit tal-ħin igawdi s-seħer u l-kwiet ta' madwaru, sintendi barra l-veduti sbieħ tal-Forti ta' Sant' Anġlu, il-Birgu u Bormla, imbagħad jekk finalment qabel jerġa' lura d-dar ikun jixtieq ikla tajba jew jiffriska griżmejh b'xi tazza nbid tajjeb Malti, madwaru, f'dan ix-xatt sabiħ bi storja kbira jsib diversi restoranti ta' klassi minn fejn jagħżel...

ATTRANS
International Transport

AUDIO WORKS
PRO AUDIO EQUIPMENT RENTALS
WE HIRE PROFESSIONAL
AUDIO AND VISUAL EQUIPMENT
FOR ALL YOUR EVENT NEEDS
CONTACT US ON
PHONE: 79259448 / 21807995
E-MAIL: KIRIS1983@GMAIL.COM